**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Ottubru 2019

Rikors Numru: 214/19 AL

**A B** u **C sive C B**

Vs

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġuntiv illi ġie kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti, li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi il-kontendenti kienu żżewġu fit-18 ta' Ġunju 1983, fil-Knisja ta' Ħ'Attard, liema żwieġ jinsab reġistrat skond l-Att taż-Zwieġ hawn anness u mmarkat bħala dokument "A". Huma isseparaw a mensa et thoro, minn ma' xulxin fit-1 ta' Lulju 2002, permezz ta' kuntratt

ta’ separazzjoni ppublikat fl-atti tan-nutar Dr. Margaret Heywood, hawn anness u mmarkat bħala dokument “B”.
2. Illi t-tfal tal-kontendenti huma lkoll maġġorenni u ta’ eta’ ikbar minn 23 sena.
3. Illi l-manteniment mwiegħed mir-rikorrent lill-intimata għadu jitħallas puntwalment sal-llum.
4. Illi r-rikorrenti jixtiequ illi jottjenu id-divorzju minn ma’ xulxin.

Għaldaqstant, talbu lill-din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja id-divorzju tal-kontendenti mingħajr imputazzjoni ta’ tortijiet, u għalhekk tiddikjara maħlul iż-żwieġ fuq imsemmi li seħħ fir-18 ta’ Ġunju 1983, fil-Knisja ta’ Ħ’Attard; u
2. Huma jitolbu wkoll illi din il-Qorti tordna illi s-sentenza tagħha tkun notifikata lir-Reġistratur taż-Żwiġijiet sabiex issir l-annotazzjoni rikjesta mill-liġi fuq l-Att taż-Żwieġ li hu hawn anness.

Rat l-atti kollha;

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta’ Mejju, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta’ Lulju 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem  millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.